MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tat-30 ta' April, 2008

Numru. 60/2006

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR GEOFFREY AZZOPARDI**

**KONTRA**

**ANTHONY CURMI ta' 24 sena, iben Alfred u Mary nee' Spiteri, imwieled Tal-Pieta' nhar id-19 ta' Jannar, 1982, residenti fil-fond Ta' Xbiex Farmhouse, Triq l-Imdina, Kirkop, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 162982M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmi Anthony Curmi li gie akkuzat talli:

1. Nhar l-20 ta' Jannar, 2006 ghall-habta tas-7.00am f'Marsaxlokk, flimkien ma' persuni ohra, bil-hsieb li jaghmel delitt, u cioe' dak ta' serq ikkwalifikat minn go residenza privata ta' anzjan, wera dan il-hsieb b'atti

esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex ezegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta' tieghu, u li kieku sehh kien ikun ikkwalifikat bil-mezz, lok u l-valur, ghad-dannu ta' Carmelo Bugeja minn Marsaxlokk;

2. U kif ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara tiskorri l-Lm10.00 (ghaxar liri Maltin), izda hija inqas minn Lm50.00 (hamsin lira Maltin), u li saret ghad-dannu ta' Carmelo Bugeja .

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali biex dawn il-proceduri jimxu bi procedura sommarja (folio 7);
Rat ukoll illi l-akkuzat ma kellu ebda oggezzjoni ghal tali proceduri, kif ukoll li wiegeb li ma kienx hati ta' l-akkuzi kif dedotti kontra tieghu (folio 5);

Rat li l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat illi mir-rizultanzi processwali jirrizulta:

Illi din il-kawza giet precipitata minn telefonata li ghamel ix-xhud principali tal-Prosekuzzjoni Stephen Grech. Fil-fatt dan Grech xehed illi huwa ra karozza fi Triq Marsaxlokk li dahlitlu certu suspett, tant li hass li kellu jsegwi din il-vettura. Jghid li l-vettura raha fi Triq San Piju V, u ra li faccata kien hemm persuna ohra. Fl-opinjoni tieghu bedaq jsir kuntatt bejniethom bic-cellulari. Jghid ukoll illi fil-vettura kien hemm zewg persuni. Jghid li hu pparkja mal-bahar biex ma jaghtix fil-ghajn u fl-istess hin jara x'kienu qeghdin jaghmlu. Ra t-tnejn jinzlu mill-vettura u lill-iehor jibqa' mal-bahar. Rat li t-tnejn qed jisgassaw u jidhlu go fond. Jghid li t-terz li baqa' hdejn il-bahar tela' jixtri hobza, rah icempel u ra liz-zewg persuni johorgu jigru mill-fond sgassat u telqu bil-karozza. Dan ix-xhud jghid li l-vettura kienet tat-tip *Daewoo*, kellha l-hgieg *tinted*. Ha anke n-numru taghha u kitbu fuq bicca karta li aktar tard taha lill-pulizija – EBG 864, ezebita bhala DOK GA 2. Ghandu jinghad pero illi qabel ma rega' gie muri dan id-dokument,

allura dik il-karta li kiteb hu u li ta lill-pulizija, Grech xehed li n-numru tar-registrazzjoni tal-vettura kien ABG 864.

Jghid ukoll l-istess xhud illi hu kiteb dak in-numru x'hin kien cert li z-zewg persuni dahlu god-dar sgassata. L-istess xhud anki ppartecipa f'*identification parade* gewwa d-Depot tal-Pulizija. Fir-rigward ta' l-istess *parade* f'dan ir-rigward il-Qorti taghmel referenza ghall-*process verbal* tal-*identification parade* redatt mill-Magistrat Inkwerenti. Fl-istess *identification parade* fil-presenza tal-Magistrat, Stephen Grech gharaf lil persuna ta' Anthony Curmi f'zewg *line-ups* differenti. Anzi, dan ix-xhud korrettement anki ftakar wiehed min-numri li kien qieghed igorr il-persuna minnu identifikata f'wahda mill-*line-ups* – numru 9. Mistoqsi f'liema kuntest gharaf lil dan il-persuna, wiegeb 'Hiereg minn gol-karozza x'hin ipparkja quddiemi hux. Imbaghad dahal hemm gew hux.' (fol 20). Gharaf fl-awla l-istess persuna bhala dik ta' l-imputat.

Xehed Remigio Cassar li kkonferma li Stephen Grech gibidlu l-attenzjoni ghall-fatt illi kellu jaghti kaz ta' persuna li rah diehel ghand tal-forn jixtri hobza. Staqsa lil Grech x'gara, u dan infurmah li kien hemm tnejn go dar Karmenu Bugeja. Cassar jghid illi ghalkemm ma gharaf lil hadd minnhom, ra lil 'dawk' (fol 23) hergin mill-fond ta' Bugeja u telqu. Jghid li mar jittawwal fid-dar ta' dan Bugeja, ra l-bieb imbexxaq, u beda jghajjatlu pero ma rrisponda hadd.

F'dan ir-rigward xehed anki PC 282 Adrian McKay li wasal fuq il-post, anzi, fuq il-fond sgassat u hemm kellem lil Stephen Grech li tah l-informazzjoni dwar il-vettura. Gharaf l-istess xhud id-DOK GA 2, cioe' l-karta miktuba minn Grech. Ezebixxa wkoll il-*prime note* tieghu.
L-istess PC 386 Joseph Cauchi li wkoll gharaf id-DOK GA 2. Anki dan ezebixxa l-*prime note* tieghu, senjalament id-dokumenti ezebiti, cioe' l-fotokopji tal-*prime note* juri n-numru tar-registrazzjoni tal-vettura EBG 864 <u>ta' kulur blue</u> (enfasi tal-Qorti).

Xehed ukoll Carmelo Bugeja. Tkellem dwar il-fatt illi mill-20 ta' Jannar hareg mill-mezzanin li jinsab f'numru 2, St Pius V Street, Marsaxlokk. Jghid li fil-fatt qalbulu

kullimkien. Fil-bieb ‘sgassat’ (fol 57) ghamlulu ghoxrin lira maltin (Lm20.00) hsara. Ghalkemm mid-dar ma nsteraqlu xejn, jghid li kontenut xbieki tas-sajd jiswew bejn Lm1,000.00 (elf lira Maltin) u Lm1,500.00 (elf u hames mitt Lira Maltin). Zied li dawn ix-xbieki tant kienu voluminuzi fl-*area* li jokkupaw, li kienu jinhtiegu *truck* biex jingarru.

L-akkuzat fl-istadju tal-investigazzjoni rrilaxxa stqarrija a folio 33 – 34 tal-*process verbal* DOK AC. Ikkonferma li ghandu karozza Toyota Tercel blu. Qal li hu biss isuqha. Qal li fl-20 ta’ Jannar fil-ghodu ma setax kien hu hdejn id-dar ta’ l-anzjan, gialadarba hu mis-6.30am kien fl-ghalqa ta’ missieru u li l-karozza darba li kien fl-ghalqa dejjem baqghet taht ghajnejh. Jghid li telaq biss minn hemm u mar id-dar t’ommu biex jaghmel *toilet.*

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkkunsidrat:

Id-Difiza ressqet diversi eccezzjonijiet f’din il-kawza bhala linja ta’ difiza taghha, l-ewwel wahda dwar il-mod kif Stephen Grech identifika lil Anthony Curmi.

Frankament anki jekk il-hsieb hazin ta’ Stephen Grech li jsegwi lill-malvivent, kien kif qal l-abbli Avukat Difensur xejn hlief deduzzjoni gratwita’ Dan wassal lil Grech biex jidentifika b’mod car lil Curmi jidhol bi sgass fir-residenza.

Stephen Grech anki ghamel *‘a dock…..identification’.* Hawn id-Difiza sahhet fuq il-perikolu ta’ tali identifkazzjoni.

Dwar dan Zuckerman A.A.S. ‘*The Principles of Criminal Evidence’ (Claridon Law Series, Oxford 1989, page 178),* jghid hekk dwar din il-problema mqajma mid-Difiza:
*‘As the trial procedure cannot provide altogether adequate safeguards against mistaken identification, more needs to be done during the pre-trial stages. It may be possible to improve the techniques of identification, but there will be case where the identification is not a product of investigative procedures. Where the evidence consists of*

*a bare account of what a witness saw, Prosecution authorities should refrain from adducing the evidence unless it is of sufficient quality.'*

Anki Blackstone jikkonsidra *'dock identification'* ta' l-akkuzat '*......for the first time during the course of the trial itself has long been considered an unfair and unsatisfactory procedure'*. Ikompli Blackstone billi jikkwota s-segwenti '*The Attorney General and the DPP therefore undertook in 1976 that in cases tried on indictment, the Prosecution at committal proceedings or Crown Counsel at any subsequent trial, will not invite a witness to identify, who has not previously identified the accused at any identity parade, to make a dock identification unless the witness's attendance at a parade was unnecessary or impracticable or there are exceptional circumstances' (Blackstone's Criminal Practice 2008, Oxford, Page 2645).*

Illi fil-fatt din il-Qorti wkoll taqbel mal-preokkupazzjonijiet murija mid-Difiza fil-konfront ta' *dock identification*, kif minnha verbalizzat fil-mori ta' din il-kawza. Illi fil-fatt xhud li qieghed jixhed u jghid il-verita' xorta jista' jaghmel zball genwin ta' identifikazzjoni meta jidentifika l-akkuzat, tenut kont li l-akkuzat f'awla huwa singulat u individwlizzat bil-post li jokkupa fil-proceduri kriminali – wahdu, fin-nofs quddiem jirrinfacca dritt lill-Gudikant. *Multi magis* din il-preokkupazzjoni meta l-awla tkun vojta minn nies ohra ghajr ghall-partecipanti tal-kawza *in dezamina.* Ghalhekk, tali identifikazzjoni tinhtieg, fl-opinjoni ta' din il-Qorti, korraborazzjoni soda u valida.

Pero fil-kaz *in dezamina*, in linea ma dak minnha citat f'Zuckerman u Blackstone, din il-Qorti mhix rinfaccata biss b'*dock identification.* Stephen Grech – ix-xhud principali tal-Prosekuzzjoni sahansitra ghamel *identification parade* fil-presenza tal-Magistrat Inkwerenti ai termini ta' l-Artikolu 74(1), Kapitolu 164 tal-Ligijiet ta' Malta. F'zewg *line-ups* Stephen Grech ghazel dejjem l-istess persuna ta' Anthony Curmi, li mix-xhieda tieghu jghid illi kien wiehed mit-tnejn li ra jisgassa u jidhol fil-fond ta' Carmelo Bugeja. *Oltre* dan, l-istess Grech anki ta bicca karta lill-pulizija *a tempo*

*vergine* li fuqha nizzel in-numru tar-registrazzjoni tal-vettura li fiha kien dna Curmi mat-terz …. – EBG 864, DOK GA 2.

*A tempo vergine* lill-pulizija li marret fuq il-post Grech tahom ukoll l-istess informazzjoni fuq il-vettura u n-numru gie msemmi, u l-kulur blue tal-vettura (*vide* fol 52 u 53). Huwa veru wkoll illi huwa waqt ix-xhieda zbalja ittra A minflok E, huwa veru li zbalja anki fil-marka tal-vettura, pero daqstant jirrizulta dak li hu kiteb bhala notament *a tempo vergine* u l-istess li qal lill-pulizija. Saljenti wkoll li *viva voce* Stephen Grech anki ftakar in-numru li kien qieghed igorr f'*line-up* minnhom il-persuna ta' l-akkuzat minnu identifikat.

Il-Qorti hawn taghmel referenza wkoll ghax-xhieda moghtija mir-rapprezentant tad-Direttur tal-Licenzji fir-rigard il-vettura EBG 864 li tghajjat lill-imputat Anthony Curmi. Taghmel ukoll referenza ghar-ritratti ta' l-imsemmija vettura ezebiti a fol 13, DOK GA 1 u folio 75 DOK AB.

Illi tenut dan kollu premess, din il-Qorti ssib illi l-identifikazzjoni maghmula minn Stephen Grech fi stadju ta' investigazzjoni, flimkien man-notamenti li ha u ta lill-pulizija *a tempo vergine*, ipoggu lill-imputat certament fuq ix-xena tad-delitt b'dan illi ghalhekk id-*dock identification* ghandha tinghata dak il-piz li biha gie kkonfermat dak li Stephen Grech kien ra u gharaf gia (emfasi tal-Qorti) fi stadju ta' investigazzjoni.

Illi t-tieni eccezzjoni diffenzjonali tad-Difiza hija fil-konfront tal-kunsens moghti mill-Avukat Generali ai terminu tal-Artikolu
Din l-eccezzjoni hija bazata fuq il-valur li Carmelo Bugeja ta l-oggetti kontenuti fil-fond sgassat u l-akkuzi addebitati lil Curmi. Carmelo Bugeja jghid fix-xhieda tieghu li x-xbieki kontenuti fil-mezzanin sgassat kienu tant voluminuzi fl-ammont li kienu jokkupaw illi kienu jinhtiegu parti sostanzjali mil-Awla tal-Qorti biex jingarru *qua volum*, tant li tahom il-valur ta' bejn Lm1,000.00 (elf lira Maltin), u Lm1,500.00 (elf u hames mitt lira Maltin). Qal ukoll illi mill-

fond insterqitlu tnalja, pero hawn l-akkuzat gie addebitat biss bir-reat ta' attentat ta' serq aggravat anki bil-valur. *Stante* li l-allegazzjoni hi li l-malviventi, wiehed minnhom l-akkuzat, attentaw dan is-serq b'vettura privata normali, id-Difiza qieghda tikkontendi li l-impossibilita' li ghalhekk jingarru dawn ix-xbieki b'dan il-mezz mhux idoneju, cioe' l-vettura, li ghalhekk tannulla per se r-reieta' ta' l-azzjoni taghhom. Dan jinghad ukoll ghax skond Bugeja minn dan il-fond dawk ix-xbieki biss setghu jinsterqu. Kienet allura, fl-opinjoni tad-Difiza, tkun storja ohra kieku il-malviventi marru jaffettwaw dan is-serq bi *truck* per ezempju.

Xejn ma taqbel din il-Qorti ma din il-linja difezzjonali. Fil-fatt, il-malviventi darba li bi sgass (ukoll u biex jikkristallizzaw l-intenzjoni malizjuza taghhom), accedew go fond, dan ghamluh b'intenzjoni specifika. Il-fatt li l-kontenut ma kienx jista' jingarr fl-intier tieghu *at one go*, ma jannulax la l-intenzjoni taghhom u wisq iktar azzjoniethom. Tqis din il-Qorti li l-fatti kif esposti mill-Prosekuzzjoni jissodisfaw ir-rekwiziti ta' attentat ta' serq aggravat nonostante li l-malviventi marru b'vettura privata u mhux bi *truck* biex jisirqu lil Bugeja. Hawn id-Difiza qed titkellem fuq l-impossibilita' ta' attentat minhabba l-indonjeta' ta' tali mezz ghall-fini ta' tali att, allura tali att gie …..impossibbli.

L-Antolsei fuq dan il-punt tghid:
*'La questione invece, va risolta in base di criterio anunciato per l'idoneita' degli atti( gudizio ex ante). Cio significa che non si deve considerare la situazione effettivamente esistente, u cioe' quella palesata dallo svolgersi dei fatti, sebbene la situazione che' si prospittava nel momento in cui l'agente si e' accinto ad attuare il suo piano criminoso, se in tale momento la presenza dell'oggetto appariva improbabile (invero simile), si avra'  il reato impossibile, negli altri casi il fatto sara' punito. In conseguenza dever ritenersi responsabile di tentattivo di furto, ad esempio il borsaiolo che in un' autobus introduce la mano nelle tasca vuota di un passeggero.' (F Antolisei Manvali, Diritto Penale, Parte Generale, Page 495).*

Fil-fatt ma kien hemm xejn fl-opinjoni ta' din il-Qorti li mpedixxa lil Curmi u terzi la darba li sgassaw il-fond li jisiqru xi xbieki, jekk mhux ix-xbieki kollha li semma s-sid - qatt dan ma kien fatt impossibbli.

Blackstone gia citat pagna 107 jghid hekk fuq dan il-punt:
*'In Anderson vs Ryan (1985), AC 560, the House of Lords held that a distinction had to be drawn between the person who attempts to commit a crime but fails because the crime is impossible (the empty pocket kind of case), and the person who succeeds in doing an "objectively innocent" act but labors under a mistaken view of the facts or circumstances and wrongly believes that he is committing an offence.'*

Il-Qorti ghal ragunijiet premssi ma taqbilx ma' din il-linja difensjonali kif proposta mill-abbli Avukat Difensur, cioe' dak ta' l-indoneita' tal-mezz.

Ma' din id-Difiza, l-Avukat Difensur abbina wkoll eccezzjoni ohra trattando tal-kunsens li l-Avukat Generali ghogbu jaghti f'dawn il-proceduri, taht l-Artikolu 370(4), Kapitolu 9. Ghalhekk, l-Avukat Generali kif ben qal l-Avukat Difensur gia qieghed jaqbel u jiddeciedi li m'hemmx reat li jgorr mieghu aktar minn piena karcerarja ta' erba' (4) snin, dan fil-kaz tas-serq komplut stante li l-valur dak ma jaccedix l-Lm1,000.00 (elf lira maltin).

Issa, mix-xhieda ta' Carmelo Bugeja gie stabbilit illi x-xbieki tieghu kienu ta' valur bejn Lm1,000.00 u Lm1,500.00.

Darba li l-Avukat Generali hareg il-kunsens taht l-Artikolu 370(4), Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, meta huwa ghazel li jimxi (dan a beneficcju ta' l-istess akkuzat) fuq il-valur minimu ta' Lm1,000.00. Din hija ghazla ta' l-Avukat Generali li bl-ebda mod ma timmina la dak li xehed Bugeja, u lanqas l-andament ta' dawn il-proceduri. L-unika persuna li seta' ha beneficcju minn tali ghazla huwa fil-kaz ta' htija l-imputat.

Certament in kwantu il-*piu' comprende il meno*, logikament qatt kontra, allura din il-Qorti tista' ssib il-htija ta' l-attentat biss sal-valur ta' elf lira Maltin (Lm1,000.00) taht l-Artikolu 279(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghaldaqstant, tenut dak kollu premess qieghda ssib lil Anthony Curmi hati ta' l-akkuzi kif dedotti kontra tieghu;
Wara li rat l-Artikolu 261, 263, 267, 269, 279, 280, 20, 41, 325, 17 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; qeghda ghaldaqstant tikkundannah ghal piena karcerarja ta' tliet xhur sospizi ghal sena wara li rat l-artikolu 28A tal-Kapitlu 9.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------